Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT- TMIENJA U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 29 ta'Frar 2012

**Ħin:** Mis-5.30pm sas-6.45pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur G. Borg
Is-Sur T. Degiorgio

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sebgħa u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sebgħa u Ħamsin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Frar 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, Is-Sur J.Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier J.Cassar. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda kummenti fuq il-minuti preċedenti.

## 3. Korrispondenza

**Ittra Numru 1615/12 –** Talba mill-Kazin tal-Banda San Gabriel biex il-Kunsill jingħaqad magħom u bħas-snin ta' qabel jieħu ħsieb il-ħlas tal-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex dan isir.

**Ittra Numru 1617/12** – Resident xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-istat ħazin tat-Triq il-Ferrovija l-Qadima biex tiġi asfaltata. Il-Kunsill huwa konxju ta' dan pero' din it-triq trid terġa' tiġi mibnija mill-ġdid u tiġi asfaltata. Dan jinvolvi spejjeż kbar li l-Kunsill ma jiflaħx għalihom. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jikteb lil Transport Malta fuq dan għaliex ma jistax ikun li jitkompla jsir il-patching mingħajr ma jħalli ebda riżultati pożittivi.

**Ittra Numru 1612/12** – Resident xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-istat ħazin tat-triq f'nofs Triq il-Kannizzata u biex din tiġi asfaltata. Il-Kunsill huwa konxju ta' dan pero' din it-triq trid terġa tiġi mibnija mill-ġdid u tiġi asfaltata. Dan jinvolvi spejjez kbar li il-Kunsill ma jiflaħx għalihom. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jikteb lil Transport Malta fuq dan għaliex ma jistax ikun li jitkompla isir il-patching mingħajr ma jħalli ebda riżultati pożittivi.

## 4. Tibdil Fir-Rotta 55 Tat-Trasport Publliku

Wara li Transport Malta naqsu li jikkonsultaw mal-Kunsill bit-tibdil tar-rotta 55 u li b'din id-deċizjoni spiċċaw qatgħu 'l barra 'l-qalba tar-raħal bil-konsegwenza li n-nies ta' Triq Balaguer, Antonio Micallef, Triq Antonio Bosio u toroq oħra biswit jkollhom jaqbdu l-karozza tal-linja minn Wied Ħal Balzan, il-Kunsill għamel talba fejn sostna li din id-deċizjoni mhux f'waqta tiġi rimedjata mill-aktar fis possibbli.

Fil-fatt il-Viċi Sindku u s-Segretarju kellhom laqgħa kordjali ma' l-uffiċjali ta' Transport Malta fejn spjegajnielhom li din ir-rotta terġa' tiġi kif kienet. Huma qalulna li dan sar għar-raġuni li kienet saret talba mill-Kunsill biex il-*55* ma'tgħaddix iżjed mit-triq id-dejqa fi Triq Il-Kbira.

Filwaqt li dan kien minnu ma jfisirx li allura dan kellu jsir għad-detriment ta' ħafna residenti oħra għaliex kien hemm rimedji oħra kif din ir-rotta setgħet saret.

Dan ġie spjegat lilhom fejn jidher li fehmu dan u li nstabet soluzzjoni u li ser nistennew l-approvazzjoni tal-Board tat-Transport Malta.

## 5. Ħlasijiet Dovuti lil-Med Developers, Designers and Consultants Limited

Wara li fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-25 ta' Jannar 2012 kienet saret talba lil-Perit A. Bezzina biex jiġġustifika l-kont li ntbgħat lill-Kunsill fuq it-tlestija tat-Tender għall-proġett tat-tisbiħ tal-pjazza, dan sar fejn ingħatat lista (mehmuż) ta' kemm il-darba saru tibdiliet fit-tender u l-ħin kollu li ntuza min-naħa tal-perit biex sar dan it-tibdil fuq insistenza tas-Segretarja preċedenti tal-Kunsill.

Is- Segretarju Ezekuttiv min-naħa tiegħu sab il-korrispondenza kollha skont kif elenkat fil-lista li ngħatat (mehmuż).

Il-Kunsill fuq proponiment tas-Sindku u ssekondat mill-Kunsillier is-Sur Trevor Degiorgio ġie deċiż li dan il-kont għandu jitħallas kollu.

## 6. Rapport tal-Ilmenti

**Ilment Nru 17012035160075**: Suġġeriment li ssir sleeping policeman fi Triq Mdina kantuniera ma' Triq PP Castagna. Il-Kunsill ma jsib l-ebda problema jekk min għamel l-ilment jaċċetta li jsir quddiem id-dar tiegħu.

**Ilment Nru 17012074161637**: Talba biex il-bankina fi Triq iz-Zekkuk tiġi rranġata għax qed tiżloq. Is-Segretarju nforma li ġab xi kwotazzjoni biex isir ix-xogħol. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill.

**Ilment Nru 17012035161824**: Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-istat ħażin ħafna ta' Triq Il-Ferrovija l-Qadima. Il-Kunsill jaċċetta l-fatt li hemm bżonn isir rikostruzzjoni tat-triq u mhux jingħata t-tarmac biss. Biex dan isir irid jidħol għaliha il-Gvern Ċentrali għaliex il-fondi tal-Kunsill ma jippermettux dan.

**Ilment Nru 17012049162038**: Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-istat ħażin ħafna ta' Triq Il-Kannizzata. Il-Kunsill jaċċetta l-fatt li hemm bżonn isir rikostruzzjoni tat-triq u mhux jingħata t-tarmac biss. Biex dan isir irid jidħol għaliha l-Gvern Centrali għaliex il-fondi tal-Kunsill ma jippermettux dan.

## 7. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom f'din il-leġislatura partikolarment lill-Kunsillier Dr. T. Degiorgio li mhux ser jerġa' jikkontesta l-elezzjoni li jmiss tal-impenn li wera u jirringrazzjah fuq ix-xogħol siewi li għamel fuq il-proġett tal-pjazza u li fil-futur jkun jista' jagħti kontribut mod ieħor għall-ġid tar-residenti ta' Ħal Balzan. Lill-kumplament tal-Kunsilliera xtaq jawgura kull suċċess fl-elezzjoni li jmiss.

## 8. Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tad 29 ta' Frar, 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 15,197.39

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu, 2012 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mr. M. Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data